**International Theatre Institute ITI**

**World Organization for the Performing Arts**

## Messaġġ għall-Jum Dinji tat-Teatru 2021 – is-27 ta' Marzu

Awtriċi tal-Messaġġ: Helen MIRREN, ir-Renju Unit Attriċi Ingliża tal-palk, iċ-ċinema u t-televixin

Verżjoni bil-Malti

"Dan li ninsabu fih huwa żmien iebes għall-ispettaklu ħaj, u ħafna artisti, tekniċi u artiġjani qed jissieltu fi professjoni miżgħuda insigurtà.

Jista' jkun li din l-insigurtà kontinwa rabbitilhom qoxra li qed tgħinhom iħabbtu wiċċhom ma' din l-imxija b'għaqal u qalb qawwija.

L-immaġinazzjoni tagħhom ġa ssarrfet, fiċ-ċirkustanzi, f'forom ta' komunikazzjoni mhux tas-soltu, kreattivi u kommoventi, naturalment b'saħħet l-internet.

Il-bnedmin ilhom jirrakkuntaw l-istejjer minn ewl id-dinja. U, sakemm nibqgħu, il-kultura stupenda tat-teatru tibqa' għaddejja.

Il-kilba kreattiva tal-kittieba, id-disinjaturi, iż-żeffiena, il-kantanti, l-atturi, il-mużiċisti, id-diretturi – ma tinħonoq qatt. U ma ddumx ma tissokta timraħ b'enerġija ġdida, u perspettiva ġdida tad-dinja. Għandi ġenn!"

Maqluba għall-Malti minn Simone Inguanez